# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Novembru, 1999 .

### Citaz. numru : 38/1996 G1 (PC)

Ganni Attard .

Vs.

Victor Attard ; Michael Attard; Josephine Buttigieg; Carmela Zammit; Beatrice Gatt; Maria Debrincat, Carmela Mizzi, Frances Buttigieg u Ganni Buttigieg .

Il-Qorti,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

illi permezz ta' proceduri migbura quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-atti tas-subbasta numru 2/1996 fl-ismijiet "Victor Attard et -vs- Ganni Attard", il-konvenuti talbu illi jingab ghal bejgh bis-subbasta l-fond numru 38 u bieb iehor minghajr numru fi Triq Sant'Indrija, Xewkija, Ghawdex, li fih qieghed jabita l-attur .

Illi r-ragunijiet li qeghdin jingabu mir-rikorrenti sabiex isir dan il-bejgh hija is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tas-27 t'Ottubru 1995 fic-citazzjoni numru 113/93 fl-ismijiet "Victor Attard et -vs- Ganni Attard" skond liema l-istess sentenza l-attur gie kkundannat sabiex ihallas lill-konvenuti s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf sitt mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (LM24,685.72) u li l-istess attur ma jridx jew m'ghandux mnejn ihallas id-debitu billi baqa' inadempjenti .

Illi r-raguni ghat-talba tal-konvenuti fil-proceduri ghal bejgh bis-subbasta huma nfondati u dan ghaliex :

a) is-sentenza tas-27 t'Ottubru, 1995 fuq imsemmija ma tikkanonizzax kreditu fil-konfront tal-attur favur il-konvenuti izda hija sentenza ta' divizjoni li tikkontempla immissjoni fil-pussess tal-fond fuq imsemmi favur l-attur u fl-istess waqt il-pagament lill-konvenuti ta' sehemhom mill-imsemmi fond . L-istess sentenza pprovdiet illi l-att ta' immissjoni fil-pussess kellu jsir ministeru tan-Nutar Paul George Pisani fl-24 ta' Novembru, 1995 fis-7.00 p.m. liema obbligazzjoni baqghet ma saritx mhux tort tal-attur izda ghar-ragunijiet li jistghu jispjegawhom sew il-konvenuti, kif ukoll l-imsemmi Nutar . Fi kwalunkwe kaz l-attur lest li jhallas lill-konvenuti sehemhom mill-fond imsemmi u qatt ma rrifjuta li jhallas dak li huwa lilhom dovut .

b) Mhuwiex il-kaz li jinghad li l-attur huwa debitur morus u ghalhekk il-konvenuti htigilhom jiehdu proceduri esekuttivi ghaliex qabel ma l-istess attur jigi immess fil-pussess tal-fond imsemmi ma hija dovuta l-ebda somma jew kreditu favur il-konvenuti .

c) Illi hemm ragunijiet ghaliex l-attur sejjer jitlob ir-ritrattazzjoni ta' dik il-kawza kemm ghaliex il-mod li bih espleta l-inkarigu tieghu bir-rapport peritali il-Perit Godwin Vella Baldacchino kien hemm ksur manifest ta' dritt tal-attur ghal smiegh fieraq u ksur u vjolazzjoni tal-principju fondamentali tal-gustizzja naturali "audi alteram partem", l-istess rapport kif ukoll l-istess sentenza fuq imsemmija bbazata fuqu njoraw il-kwistjonijiet incidentali li nholqu matul il-kawza, kif ukoll kwistjonijiet fundamentali bhalma huma ishma mill-imsemmi fond li mhumiex tal-kontendenti u allura qatt ma setghu jigu nkluzi fl-istima peritali kif ukoll benefikati msemmija fit-testment tal-genituri tal-kontendenti ahwa Attard li taghhom l-attur kellu jigi kkumpensat .

Illi fi kwalunkwe kaz il-proceduri tas-subbasta mhumiex regolari f'dan l-istadju ghaliex fi kwalunkwe kaz il-konvenuti ma jistghux jitolbu l-esekuzzjoni ta' l-ammont minnhom pretiz .

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :

1. Tordna s-sospensjoni tal-proceduri tas-subbasta fl-ismijiet "Victor Attard et -vs- Ganni Attard" Subbasta numru 2/1996 li tirrigwarda l-bejgh tal-fond numru 38 u bieb iehor bla numru fi Triq Sant'Indrija, Xewkija .

2. Taghti dawk il-provvedimenti l-ohra li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkustanzi .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur minnu mahlufa .

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew :

1. illi t-talba attrici hija nfondata fid-dritt u fil-fatt kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza .

2. Illi b’referenza ghall-ewwel raguni sollevata mill-attur ghandu jinghad li l-attur ma resaqx ghall-att ta’ immissjoni fil-pussess kif ordnat bil-Qorti fid-data hemm specifikat . Kemm il-darba pero’ l-attur qieghed jghid li huwa jkun dispost ihallas l-ammont stabbilit jekk l-atturi jaddivjenu ghall-att ta’ immissjoni fil-pussess, allura l-atturi jiddikjaraw minn issa stess id-disponibbilita’ taghhom ghal dan .

3. Illi l-proceduri ghar-ritrattazzjoni ma humiex ghajr messa in xena da parti tal-attur sabiex jirbah iz-zmien billi fil-waqt li jkompli fid-dgawdija tal-unika assi formanti l-ereditajiet ta’ Benigno u Maria Attard, fl-istess waqt, qieghed icahhad lil kontendenti l-ohra mill-jeddijiet taghhom .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti debitament mahlufa minn Beatrice Gatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda prodotti .

Ikkunsirat :

Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur qed jitlob is-sospensjoni tal-proceduri ghas-subbasta ndikata fic-citazzjoni li kienu gew istitwiti fuq talba tal-konvenuti in segwitu ghas-sentenza moghtija f’kawza li taghha l-istess attur talab ir-ritrattazzjoni permezz ta’ kawza ohra deciza llum ukoll, u cioe’ l-kawza fl-istess ismijiet (cit. Nru. 39/1999) quddiem din il-Qorti .

Fis-sustanza, l-attur, kif jispjega fil-premessi tac-citazjoni prezenti tieghu, jippretendi illi din s-subbasta kellha tigi sospiza, sakemm tigi ttrattata u deciza l-kawza l-ohra li huwa kien istitwixxa kwazi kontestwalment mal-kawza odjerna fejn talab ir-ritrattazjoni tal-kawza kontestata, li bis-sahha taghha l-konvenuti kienu pprocedew bis-subbasta in kwistjoni . Apparti dan jikkontendi wkoll illi ma kienx tenut lill-konvenuti prezenti li jipprocedu b’dik is-subbasta billi huwa ma kienx ghadu debitur moruz sakemm ma jkunx sar il-kuntratt ta’ immissjoni fil-pussess tal-fond legat imholli lilu mill-genituri tieghu a tenur ta’ l-istess kawza kontestata .

Ghar-rigward tal-kwistjoni tar-ritrattazzjoni, il-Qorti gia ddecidiet kontra l-attur fis-sentenza taghha moghtija llum ukoll fil-kawza fl-istess ismijiet "Ganni Attard vs. Victoria Attard et." (cit. 39/1996) u dana ghall-motivi indikati f'dik is-sentenza li qed issir hawnhekk piena referenza ghaliha . Din ir-raguni ghalhekk ma jibqghalha issa ebda validita' legali .

In kwantu imbaghad ghar-raguni l-ohra ghaliex l-attur qed jitlob is-sospensjoni tas-subbasta imsemmija, l-Qorti ma tisghax taqbel ma' l-argument migjub mill-attur . Dana ghaliex, l-istess ragunament tieghu jista' jwassal biss ghall-assurdita' illi minkejja l-ordni tal-Qorti fis-sentenza indikata tad-divizjoni ta' l-assi tal-genituri tal-kontendenti, fis-sens li kellu jsir il-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur l-attur, u l-pagamenti stipulati fl-istess sentenza lill-konvenuti f'data partikolari iffissata mill-Qorti ghal dak il-fini specifiku, l-attur jista' jibqa' jeludi d-drittijiet tal-konvenuti indefinittivament, bl-iskuza illi l-kuntratt ghadu ma sarx . X'rimedju jista' jibqghalhom allura l-konvenuti f'tali cirkostanzi, jekk l-attur ghar-ragunijiet tieghu jibqa' ma jridx jersaq ghall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess, biex huma jkunu jistghu jiehdu sehemhom mil-wirt tal-genituri taghhom fi flus, jekk mhux billi jitolbu l-bejgh tal-fond in kwistjoni bis-subbasta . Ma jistghax l-attur jippretendi li jibqa' jgawdi wahdu u sakemm jidhirlu l-beni in divizjoni minghajr ma jikkumpensa lill-eredi l-ohra . Lanqas ghal din ir-raguni ma huwa ghalhekk gustifikat l-attur jesigi li tibqa' sospiza s-subbasta indikata fic-citazzjoni .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur .

(ft) Paul Coppini<br>
Magistrat .<br>
(ft) Francis Attard<br>
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur .<br>
S3896Pc<br>
1152 words